**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa b'Urġenza Numru 04/2024**
**7 ta' Settembru 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fid-9:15 a.m.**

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Seduta bdiet 15-il minuta tard minħabba problemi tekniċi fil-livestreaming.

Is-Sindku infurmat li l-Viċi Sindku ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet personali.

## 4.2 Il-Bus Shelters u Mozzjoni Nru 6 – 2024

Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li nhar id-19 ta' Awwissu 2024 waqfet ix-xogħolijiet tal-Bus Shelter Begonja.

Nhar it-2 ta' Settembru 2024, is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Liam Sciberras u Connie Debattista iltaqgħu mal-Perita ta' IM, Rebecca Grech u l-Perita tal-Kunsill li kienet qed tirrappreżenta lill-

Perit William Lewis fejn matul il-laqgħa l-periti ~~ġew mitluba~~ issuġerew sabiex għalissa jitwaqqfu x-xogħolijiet minħabba l-Mozzjoni Nru 6-2024 li tirrigwarda t-Traffic Management ġewwa Santa Luċija.

Il-Kunsillier Liam Sciberras qara l-Mozzjoni 06-2024 hekk kif proposta minnhu (Annex 4.2a).

Il-Mozzjoni ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Sciberras u sekondata mill-Kunsilliera Debattista.

**Is-Sindku** infurmat li tixtieq tagħmel **emenda, u tiżdied l-ittra D** peress li f'Santa Luċija hemm ħruġ u dħul oħra li tinsab fi Triq Santu Kristu. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'dawn l-emendi.

Is-Sindku fakkret dwar l-ewwel paragrafu '…. one way sabiex isir il-promenade u wassal sabiex m għandniex traffic management mill-aqwa sabiex iddur gewwa Santa Luċija biex tasal minn tarf sa iehor, jew inkella sabiex anke toħrog/tidħol minn Santa Lucija.'

Is-Sindku irriferit għas-seduta nru. 27, li saret fl-20 ta' Mejju 2021 – Referenza nru. 27.5 li kienet titratta dwar Proposta Promenade fejn il-Kunsillier Sciberras flimkien mas-Sindku u l-ex Kunsillier Ellul ivvutaw favur. (Annex 4.2b).

Is-Sindku fakkret li fis-Seduta nru. 42 li saret fit-13 ta' Mejju 2022 – Referenza nru. 42.07.01 b'mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-SIndku infurmat li l-IM infurmawna li ser tibqa' kif inhi. (Annex 4.2c).

Wara l-laqgħa li saret mal-periti fuq il-post, is-Sindku għamlet talba lil TM sabiex terġa' tinbidel id-direzzjoni ta' Triq il-Prinjoli u Dawret it-Torri. Din ġiet irrifjutata (Annex 4.2d).

**Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet lill-Kunsillier Sciberras kif jista' jikkonferma li d-dħul f'Santa Luċija żied it-traffiku minn sewwieqa li mhumiex residenti? Il-Kunsilliera D'Amato qablet mal-emendi tas-Sindku kif ukoll li din il-kwistjoni ssemmiet diversi drabi f'seduti preċedenti. Il-Kunsillier Sciberras wieġeb li ħadd mhu ser joqgħod jidħol ġo Santa Luċija għalxejn jekk mhux biex jevita t-traffiku ta' mar-roundabout.

**Il-Kunsilliera Debattista** infurmat li qabel beda l-proġett qatt ma kien hemm problemi. It-traffiku issa żdied, allura żdied ħafna it-tniġġiż. Xtaqet tara jekk hux possibli nagħmlu talba lill-Public Transport sabiex ġo Santa Luċija jidħol trasport pubbliku li jaħdem b'mod eletrikku biss.

**Il-Kunsillier Sciberras** talab sabiex jiġu provduti l-minuti tal-laqgħa li saret 3 snin ilu ma TM u IM. Il-Kunsillier Sciberras talab għal din il-mozzjoni għaliex għadhom ma sarux il-Bus Shelters. Din il-mozzjoni fiha diversi vantaġġi fosthom Cost Reduction; Less Pollution; Favur l-anzjani u r-residenti; Blind Corners; Triq Begonja.

Għal din il-mozzjoni ivvutaw favur il-Kunsilliera Liam Sciberras u Connie Debattista, u ivvutaw kontra is-Sindku Charmaine St John u l-Kunsilliera Kylie D'Amato. Peress li s-Sindku għandha l-casting vote, din il-mozzjoni ma għaddietx.

Il-laqgħa b'urġenza ġiet fi tmiemha fid-9.30am

Konfermati, illum 26 ta' Settembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________________ | ______________________________ |
| Kapt. Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |